# Dawra mal-Inħawi tal-Qala

✍ Carmel Portelli

F'dan l-artiklu nixtieq insemmi l-inħawi differenti li kollha flimkien jiffurmaw ir-raħal tagħna. Xi wħud minn dawn l-ismijiet ta' inħawi li ser niltaqgħu magħhom huma familjari kemm mal-kbar u kemm maż-żgħar, u huma biex ngħid hekk fil-vokabularju ta' kuljum bħal ngħidu aħna Tas-Salib, Fuq il-Ġebel, il-Wardija eċċ., imma kemm hawn li kuljum jisimgħu b'postjiet bħal Tal-Lukkiet, Tal-Qassis, u Tal-Mintuff! Għalhekk f'dan l-artiklu ser nipprova nsemmi l-inħawi differenti tal-Qala billi flimkien nagħmlu mixja fir-raħal tagħna.

Nitilqu mill-pjazza prinċipali u niġbdu lejn il-Kunċizzjoni. Fuq in-naħa tax-xellug insibu l-post imsejjaħ Tal-Ħereb li jibda minn Triq in-Nadur u jasal sal-Wileġ. Fuq in-naħa tal-lemin jibda Tal-Marġa, fuq ir-riħ il-post jissejjaħ Ta' Boffa, u iktar 'il ġew Ta' Kassja. Illum dan il-post hu *housing estate,* imma dari kien raba' li jinħadem u jipprovdi ħafna mill-prodotti u frott għal min jaħdimhom. Kien kemm ukoll razzett tal-baqar, anzi l-ikbar razzett tal-bhejjem fil-Qala, billi kienu jitrabbew ukoll ammont mhux ħażin ta' mogħoż. Dan ir-razzett ingħalaq xi ħamsin sena ilu meta sidu ġarr kollox għal ġo razzett ġdid fi Triq il-Forn. Kien hemm ukoll razzett iżgħar ta' familja oħra.

Nibqgħu mixjin u ma' Ta' Kassja jmiss l-inħawi Tal-Marġa. Apparti l-ftit bini li hemm mal-bidu tiegħu, dan il-post għadu bħalma kien ħamsin sena ilu, raba' jinħadem u wieħed mill-postijiet fil-Qala li hemm ir-raba' saqwi. Dari iktar mil-lum, dan il-post kien jipprovdi ħafna mill-ħxejjex tal-borma li kienu jinbigħu friski fil-ħwienet tal-Qala. Fuq in-naħa l-oħra niltaqgħu ma' post imsejjaħ l-Andar il-Qadim. Meta kont żgħir niftakar li kienu jagħmlu qiegħa fejn kienu jidirsu ż-żara' matul ix-xahar ta' Ġunju. Kien ikun żmien iebes ħafna għax il-bhima, u min jieħu ħsiebha kienu jqattgħu sigħat twal għax-xemx bil-bhima (aktarx xi ħmar bl-għamad fuq għajnejh) iddur dawra mejt ma tieqaf xejn. Xi persuna oħra jew tnejn kienu jkunu mat-tarf tal-qiegħa u b'midra f'idejhom biex jitfgħu għal taħt il-bhima dak iż-żbul li jkun għadu ma ġiex midrus b'saqajn il-bhima. Imiss mal-Andar il-Qadim hemm l-inħawi Tal-Gwiedi, li jibqgħu sejrin tul it-telgħa tal-Mannijja u jilħqu sa Tax-Xulliel. Sadanittant, wieħed ma jistax ma jsemmix is-siġar taż-żebbuġ xjuħ li qegħdin max-xifer ta' fuq Tal-Marġa u li hu magħruf bħala ż-żebbuġ ta' Bebisku.

Inkomplu mixjin u kif induru mas-Salib, fuq in-naħa tax-xellug hemm il-post imsejjaħ iċ-Ċens. Dan ir- raba' llum inħeba u li fadal huma xi mandra żgħira n-naħa ta' wara ta' dan il-bini. La qegħdin f'dan il-post nixtieq infakkar fin-numru ta' siġar taċ-ċawsli kbar li kienu jikbru matul din il-medda tat-triq, u fis-siġra kbira li kienet imħawla f'nofs il-"pjazza" ta' quddiem il-knisja tal-Kunċizzjoni. Din l-Awrikarja, li kienet għolja iktar minn għaxar metri, kellha titneħħa għax iz-zokk kien ixxaqqaq in-naħa t'isfel. Naħseb li ċ-ċawsli kien tneħħa għax kien jiġi qrib il-bini, meta ċ-Ċens beda jinbena.

Kif jispiċċa ċ-Ċens, fuq in-naħa tal-lemin hemm sqaq imsejjaħ is-Sqaq tal-Ħalq, li jwassal għall-biċċa raba' mhux ħażin imsejjaħ il-Ħalq. Matul it-triq minn wara l-Knisja sal-kantuniera t'isfel qabel tasal sal-barriera r-raba' kollu jissejjaħ Ta' Ruba. Mis-siġar taż-żebbuġ li hemm f'dan il-post u jibqa' sejjer kważi sa fuq ir-riħ ta' Bumbarin hemm ħarġa raba' kbira msejħa Tal-Mintuff. Fuq ir-riħ Tal-Mintuff u kif jispiċċa r-raba' Tal-Marġa hemm biċċa raba' msejħa l-Bajjad. Taħt Tal-Mintuff u jibqa' sejjer sal- Wardija r-raba' jissejjaħ Ta' Ħondoq ir-Rummien. Il-biċċa blat li hemm in-naħa Ta' Bumberin, faċċata ta' Kemmuna jissejjaħ Ġebel Barbaġann. Qabel tinżel sal-bajja ta' Ħondoq u tmiss ma' Tal-Mintuff, hemm biċċa raba' msejħa Tal-Qassis. Dan ir-raba' li semmejna, minn tal-Marġa sa ta' Ħondoq ir-Rummien għadu, għalkemm mhux kollu, jinħadem sal-lum, u fejn ma jitkabbrux uċuħ għall-konsum tal-bidwi, jitkabbar il-magħlef għall-bhejjem speċjalment għall-baqar tal-ħalib.

Nerġgħu lura issa u nimxu lejn il-knisja tal-Kunċizzjoni. Fuq ir-riħ tal-barriera jissejjaħ Tal-Għassa. Dan il-blat kien jasal għoli sal-baħar, imma minn hemm kien inqata' ħafna ġebel kbir

biex inbena l-*breakwater* tal-Imġarr, u llum, minn fejn inqata' dan il-ġebel spiċċa post ta' parkeġġ tal-karozzi għal dawk li jinżlu jgħumu fil-bajja ta' Ħondoq. Billi kif għidt il-blat għoli kien sa xifer il-baħar, meta konna żgħar u mmorru ngħumu Ħondoq, xi żagħżugħ li kien ikun għawwiem tajjeb kien imur jaqbeż mill-għoli tal-blat tal-Għassa biex juri kemm kapaċi jaqbeż mill-għoli. Iktar 'il ġew minn Tal-Għassa u mal-baħar hemm bajja żgħira magħrufa bħal Tal-Blata. Il-ponta fejn tispiċċa din il-bajja, faċċata ta' Kemmuna hi magħrufa bħala ż-Żinka. Iktar 'il ġew mal-plajja hemm il-post imsejjaħ iż-Żrieżaq. F'dan il-lok hemm numru ta' salini fejn isir il-melħ. Sa ftit tas-snin ilu dawn is-salini kienu għadhom jinħadmu għall-produzzjoni tal-melħ. Fatt kurjuż li forsi ftit għadhom jiftakruh kien meta xi ħamsin sena ilu sid dawn is-salini kellu ammont ta' xkejjer mimlijin bil-melħ lesti biex jinġarru. Wieħed mill-Qala li kellu luzzu inkariga ruħu li jġorr dan il-vieġ melħ lejn l-Imġarr. Għabbewh u telqu b'dan il-luzzu, imma kif waslu ħdejn Taċ-Ċawl mewġa telgħet fuq il-luzzu, u billi kien mgħobbi żżejjed il-luzzu għereq. B'xorti tajba kemm sid il-melħ kif ukoll sid il-luzzu t-tnejn ma ġralhom xejn ħlief li għumu għuma bla ħsieb. Ħasra li sajf sħiħ ta' xogħol biex inġabar dak il-melħ kollu spiċċa fil-baħar. Faċċata taż-Żrieżaq tinsab il-Ġebla tal-Ħalfa. 'Il ġewwa iktar lejn Ras il-Qala, hemm il-blata tal-Melħ u magħha daħla żgħira msejħa l-Bugħas.

Fuq ir-riħ taż-Żrieżaq insibu post imsejjaħ Tal-Maqjel u 'l ġewwa minnu l-post hu msejjaħ Ta' Rdum. Dawn l-inħawi ma tantx jinsab raba' tajjeb għax il-biċċa kbira ta' dawn l-inħawi jikkonsisti fi blat. Imma kull roqqa ta' ħamrija dari kienet tinħadem, u l-bdiewa jekk ma kinux jipproduċu uċuħ għalihom kienu jipproduċu magħlef għall-bhejjem tagħhom. Wieħed ma jridx jinsa li dari tista' tgħid kull familja kien ikollha mogħża jew nagħġa d-dar, tal-ewwel għall-ħalib, u tat-tieni għall-produzzjoni tal-ġbejniet. F'dawn l-inħawi nsibu xi siġar tal-ħarrub u anke tat-tin. Imma dawn l-inħawi, flimkien mal-post li nsibu 'l ġewwa iktar magħruf bħal Tan-Nemes huma magħrufa għall-kaċċa tal-fenek tal-grixti. Niftakar meta kont żgħir, kont nismagħhom jgħidu t-tali mar inemmes għall-fenek, jiġifieri mar jaqbad il-fniek tal-grixti bin-nemes. Forsi dan il-post jissejjaħ hekk minħabba dan id-delizzju. Biex nagħti idea ta' fejn qegħdin, f'dawn l-inħawi tinsab it-Trunċiera ta' Sant'Antnin. Meta kont żgħir kont nisma' lil missieri jgħid li meta hu kien żgħir kien imur ma' ħutu biex jiġbru x-xewk u ħatab ieħor biex ikollhom x'jitfgħu fil-kenur biex isajru. Dawn l-inħawi huma popolari wkoll man-nassaba tal-għasafar, u wieħed isib kemm il-mansab fl-istaġun tal-insib. U anke fl-istaġun tal-kaċċa wieħed jiltaqa' wkoll ma' kaċċaturi jduru f'dawn l-inħawi.

Jekk nitilgħu dritt minn Tan-Nemes, niġu f'post imsejjaħ il-Qawra Ta' Ċjotu li tisthajlek qiegħed fuq għolja. Jekk inħarsu għal ġot-Tramuntana taħtna naraw biċċa art kbira msejħa bħala Tal-Qasam. Dan ir-raba' tal-Qasam hu raba' tajjeb ħafna, u fi tfuliti niftakar ħafna kienu jagħmlu bettieħ u dulliegħ f'dawn l-inħawi. Anke tadam tas-sajf kien iseħħ ukoll. Dawn l-inħawi u oħrajn li semmejna iktar 'il fuq kienu wkoll postijiet fejn min kien irabbi xi merħla tan-nagħaġ u l-mogħoż kien jeħodhom biex jirgħu. U dari kien hawn ħafna fil-Qala min kellu merħliet ta' mogħoż u nagħaġ.

Minn Ta' Ċjotu jekk nitilgħu għal ġol-Punent, niġu f'post imsejjaħ Ta' Berqa, u iktar 'il fuq Ta' Dandalona. F'dan il-post insibu r-*Ready mix* tan-Najsi, imma dari dawn l-inħawi kien kollha għelieqi fejn jikbru ħafna siġar tal-frott irqiq u dwieli.

F'din il-parti missieri kellu d-dwieli u darba, ħafna snin ilu, wara li qtajna l-għeneb għall-ħabta tal-bidu ta' Settembru, kien sar il-ħin u ma konniex ser nilħqu nġorruhom. Għalhekk tallajnihom fuq il-ħajt. Tela' ajru u għamel ħafna beraq tant li missieri kien qagħad jittawwal biex jara l-qratal tal-għeneb għadhomx hemm. Din ix-xena għadha quddiem għajnejja, qisu lbieraħ!

Taħt Ta' Dandolona jiġi r-raba' tax-Xulliel li jilħaq sa dik it-triq li hemm wara l-knisja tal-Kunċizzjoni u tibqa' dieħla għal Tal-Maqjel. Fejn illum hemm dak il-bini ta' ma' ġenb il-knisja, kien raba' tajjeb u saqwi tant li kien hemm mitħna tar-riħ li kienet ittella' l-ilma għal ġo ġiebja kbira biex imbagħad jissaqqa r-raba' ta' madwar. Ir-raba' fuq in-naħa tal-lemin f'din it-triq jissejjaħ ir-raba' Ta' Kordina, u jlaħħaq sal-inħawi Tal-Maqjel u sar-raba' Tal-Għassa li diġà ltqajna miegħu.

Nerġgħu nduru 'l fuq u nsibu ruħna fit-triq ta' fuq il-Wileġ. Bħalma jfisser l-isem tat-triq in-naħa tax-xellug hemm il-Wileġ li forsi hu l-uniku nħawi tal-Qala fejn ir-raba' jinħadem kollu u ftit li xejn issibu mitluq. Ġol-Wileġ jitkabbru kważi l-prodotti kollha tar-raba' u anke xi siġar tal-frott. Anzi dawn l-aħħar snin tħawlu numru kbir ta' siġar taż-żebbuġ li komplew iżidu fl-importanza ta' dawn l-inħawi. Billi dan ir-raba' jinsab fil-baxx, speċi ta'

wied kbir, fl-istaġun tax-xitwa wieħed ma tantx ikun jista' jaħdem ir-raba' speċjalment jekk tkun xitwa milwiema. Għalhekk, dari ħafna raba' tal-Wileġ kien jitħalla għall-uċuħ tas-sajf, speċjalment tadam u bettieħ. Niftakar meta kont żgħir, kont tara xi għarix ġol-għelieqi bil-bettieħ biex sid dik l-għalqa jmur jindokra l-bettieħ meta jibda jsir. Kienu jqattgħu l-ljieli sħaħ matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu reqdin f'dan l-għarix. Għax minn dejjem kien hawn min jagħti fastidju lill-uċuħ tar-raba', u jrid jiekol mingħajr ma jbati. Illum ma tantx għadek tara ammont kbir ta' għelieqi fil-Wileġ b'dawn l-uċuħ li semmejna, imma r-raba' jinħadem xorta waħda mir-raħħala tal-baqar li jkabbru l-magħlef għall-bhejjem tagħhom. Imissu mal-Wileġ fuq in-naħa tax-xellug, meta wieħed iħares għal ġol-Punent insibu l-Gwiedi, l-Andar il-Qadim, u Tal-Ħereb, (dawn l-inħawi diġà semmejnihom) u nsibu t-tarf l-ieħor tal-Wileġ li jmiss ma' nħawi msejħa Tal-Lukkiet li huma l-inħawi li jmissu ma' Triq il-Wileġ,(in-naħa tal-*Wileġ restaurant*, biex niftiehmu).

Jekk nerġgħu lura u nitilqu minn għonq il-Wileġ, niltaqgħu mal-inħawi t'Andar ix-Xagħri, ir-raba' magħruf bħala Ta' Cassar, u nħawi oħra magħrufa bħala Ta' Tawru. Dawn l-inħawi huma magħrufin speċjalment għas-siġar tal-frott irqiq u dwieli. Niftakar meta kont żgħir f'Ta' Cassar kien hemm biċċa dwieli kbira li aktarx li kienet l-ikbar qatgħa ta' dwieli fil-Qala.

Nerġgħu nitilqu mill-inħawi Ta' Dandolona u nimxu matul it-triq li mill-inħawi Ta' Miju twassalna sa Tas-Simar. Niltaqgħu mal-inħawi Ta' Miju, u taħt dawn l-inħawi nsibu nħawi magħrufa bħala l-Ħawlija. Dari dan ir-raba' kien kollu jinħadem u l-maġġoranza tiegħu kienu dwieli. Illum bħal ħafna inħawi oħra fil-Qala, jinsabu mitluqa bil-ħitan tas-sejjieħ kollha, jew kważi kollha, imwaqqgħin. Hemm post ieħor ma tantx hu kbir li jismu Ta' Gafan. F'dawn l-inħawi kien hemm nixxiegħa tal-ilma li kienet tajba għax-xorb. Ir-raba' iktar 'l isfel jissejjaħ Ta' Muxi. Dan ir-raba', li hu kollu għelieqi mtarġin, iwassalna sal-barrieri taż-żrar li hemm f'dawn l-inħawi u jibqa' sejjer sal-baħar, fejn insibu post jismu Għar id-Dar. Dawn l-inħawi kienu u għadhom popolari ħafna mas-sajjied tal-qasba speċjalment dawk li jistadu għall-kaħli. Iktar lil hemm matul it-Triq Ta' Miju, niltaqgħu ma' post msejjaħ Ta' Vanġelu u iktar għal ġol-Punent niltaqgħu ma' Tas-Simar. Dan ir-raba' Tas-Simar hu kbir sew u jasal sal-baħar fejn hemm post li hu tajjeb għall-għum. Iktar 'l isfel minn Tas-Simar hemm post jissejjaħ il-Ħażina u dan ukoll jasal sal-plajja u jispiċċa l-konfini tal-Qala. Dawn l-inħawi kienu popolari ħafna biex fihom jirgħu n-nagħaġ u l-mogħoż.

Mat-triq li tispiċċa ma' Tas-Simar hemm post imsejjaħ Ta' Toċċ li hi popolari ħafna mal-kaċċaturi tal-gamiem. Taħt Ta' Toċċ insibu ħarġa raba' msejħa Għajn Ħaġar. Ir-raba' ta' hawn hu raba' tajjeb ħafna għax hemm l-ilma fejn wieħed jista' jsaqqi l-uċuħ. Bħalma wieħed jista' jobsor dan ir-raba' ta' Għajn Ħaġar jinħadem kollu u jipproduċi ħafna ħxejjex tal-borma u tal-frott. Kif tispiċċa t-Triq Ta' Simar tiġi d-dawra ta' Semper. Taħt, tħares lejn il-Punent fuq il-lemin, hemm il-qatgħa kbira Ta' Ħanaq li tibqa' sejra sa Għajn Ħaġar. Inkomplu nimxu u niġu fid-dawra Ta' Ċini, li twassalna sas-Sqaq ta' Ħatar, parti mdawra Ta' Patrik, fejn jibqa' nieżel sal-bajja ta' Daħlet Qorrot u hawn jispiċċa l-konfini tal-Qala.

Imiss ma' Ta' Patrik, hemm il-post imsejjaħ Ta' Sufa, fejn hemm il-bini li hu fdal ta' mitħna qadima li baqgħet ma ttranġat qatt. Dan imiss ma' Ta' Grunju, li parti jagħmel mal-Qala u parti man-Nadur. Ninżlu iktar 'l isfel u niġu għall-post msejjaħ id-Dar is-Safra li jiġi wara Ġnien il-Familja. Nibqgħu niżlin 'l isfel u naslu sal-post msejjaħ Tal-Palma, il-konfini ta' bejn il-Qala u n-Nadur. Mal-ġenb fin-naħa tal-Lvant jiġi l-post imsejjaħ il-Ġebla l-Wieqfa u taħtu jiġi Tas-Salib. Dawn il-postijiet m'għandhom bżonn ebda introduzzjoni għax dawn jafhom kulħadd. Dawn il-postijiet illum huma kollha mibnijin. Taħt Triq l-Imġarr hemm Wied Biljun, li għadu jinħadem u ftit li xejn issib raba' żdingat. Fuq ir-riħ ta' Wied Biljun hemm ħarġa kbira msejħa Tal-Klin. Hawn jinsab xi raba' żdingat, imma mill-bqija nsibu ħafna siġar tal-frott. Hawn jinsab post, mhux kbir, msejjaħ il-Qortin. Taħt Tal-Klin, lejn il-baħar tiġi ż-Żewwieqa, li parti tagħmel mal-Qala u parti ma' Għajnsielem. Jekk nimxu lejn l-Lvant niltaqgħu mar-raba' magħruf Ta' Ħondoq ir-Rummien. Fuq ir-riħ ta' dan il-post tiġi l-Ħotba, u mal-Ħotba tmiss il-Wardija, li ma għandha bżonn ta' ebda introduzzjoni.

U b'hekk spiċċajna d-dawra tagħna mal-postijiet l-iktar magħrufa fil-Qala. Jista' jkun li ħallejt xi postjiet barra, imma li semmejt ħadthom kollha mill-mappa tal-Qala, li tinsab fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Jista' jkun ukoll li jkun hemm xi post partikulari li man-nies tal-lokal ikun magħruf b'isem ieħor li mhux imniżżel fuq il-Mappa.